MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 88/2023 LM

**Lawrence Galea (K.I. nru. 544661M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Ozo Services Limited (C 94420)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Ozo Services Limited (C 94420)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-1 ta' Settembru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fejn it-Tribunal ikkonkluda li t-

terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent **Lawrence Galea (K.I. nru. 544661M)**, [hawnhekk 'l-appellat'], ma kinitx waħda ġusta, bil-konsegwenza li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg ma kinitx skont il-liġi, u ffissa l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat minħabba f'hekk, u ordna lis-soċjetà intimata terġa' ddaħħal lura fl-impjieg lir-rikorrenti fl-istess rwol u bl-istess kundizzjonijiet li għandu ħaddiem fil-kategorija tiegħu u bl-istess snin ta' servizz.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors li ppreżenta quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata bħala xufier stazzjonat ġewwa l-faċilitajiet ta' Wasteserv Malta Limited, u dan l-impjieg ġie tterminat fis-17 ta' Ġunju, 2022 għal raġunijiet dixxiplinarji. Ir-rikorrent qal li mhuwiex minnu li l-impjieg tiegħu ġie tterminat għal raġuni ġusta u skont il-liġi *ai termini* tal-ftehim kollettiv, u għalhekk talab lit-Tribunal (i) jiddikjara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat illegalment; (ii) jordna li r-rikorrent jingħata l-istess impjieg bid-drittijiet kollha li kellu qabel; (iii) jillikwida kumpens xieraq u ġust minħabba din it-terminazzjoni illegali; (iv) jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont hekk likwidat; u (v) jagħti kwalunkwe provvediment ieħor li jidhirlu xieraq.

3. Is-soċjetà intimata ċaħdet l-allegazzjonijiet tar-rikorrent. Spjegat li permezz ta' kuntratt mogħti lilha, kif regolat mir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, fl-1 ta' Jannar, 2020, seħħ trasferiment ta' negozju fejn diversi impjegati stazzjonati ġewwa l-faċilitajiet ta' Wasteserv Malta Limited (C 30560), inkluż ir-rikorrent, li kienu ingaġġati mas-soċjetà J.F. Services Limited, ġew trasferiti u ingaġġati mas-soċjetà intimata, bl-istess kundizzjonijiet tal-impjieg li

kellhom qabel. Is-soċjetà intimata qalet li l-impjegati fil-faċilitajiet tas-soċjetà Wasteserv, għalkemm impjegati fuq il-kotba tagħha, huma suġġetti għad-direzzjoni u l-awtorità tas-soċjetà Wasteserv, u hija m'għandha l-ebda kontroll fuq l-operat ta' dawn l-impjegati. Qalet li l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' dawn l-impjegati huma stabbiliti permezz ta' ftehim kollettiv bejn is-soċjetà Wasteserv u l-Unjoni Ħaddiema Magħqudin (il-UĦM), datat l-4 ta' April, 2019, u dan il-ftehim kollettiv kien hemm qbil dwaru qabel seħħ it-trasferiment tan-negozju u ġew ingaġġati l-impjegati magħha. Qalet ukoll li dan il-ftehim kollettiv ġie rikonoxxut mis-soċjetà J.F. Services Limited, u għalhekk hija kienet obbligata tirrikonoxxi u tirrispetta dawn il-kundizzjonijiet skont il-liġijiet u r-regolamenti relattivi għat-trasferimenti tan-negozju. Qalet li hija marbuta wkoll b'kuntratt mas-soċjetà Wasteserv li ssegwi r-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku, bid-data tal-1 ta' April, 2020, liema kuntratt jirregola l-mod kif jiġu stazzjonati l-impjegati u ir-rwol tagħhom fil-faċilitajiet tas-soċjetà Wasteserv. B'riferiment speċifiku għall-każ odjern, is-soċjetà intimata qalet li kien hemm inċident ta' natura serja ħafna li wassal biex ittieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent qabeż il-limiti tal-veloċità b'mod konsiderevoli u saq fid-direzzjoni opposta, offenda u uża kliem mhux xieraq fil-konfront tas-*supervisor* tiegħu, u espona ruħhu b'mod indiċenti fil-pubbliku quddiem nies li kienu preżenti fil-faċilità tal-Wasteserv. Qalet li f'dan ir-rigward intbagħtu wkoll ittri ta' akkużi lir-rikorrent, li fil-frattemp ġie sospiż b'nofs il-paga b'effett mill-10 ta' Mejju, 2022, u dan in vista tal-fatt li r-rikorrent ma kienx qiegħed iġib ruħhu tajjeb fuq il-post tax-xogħol. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li ġew istitwiti proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent, u saru l-arranġamenti meħtieġa sabiex issir seduta għas-smigħ tal-każ. Qalet ukoll li l-

passi dixxiplinarji ttieħdu abbażi tal-ftehim kollettiv, u l-bord tad-dixxiplina ddeċieda li kien hemm lok ta' terminazzjoni tal-impjieg, in vista tal-akkużi li saru fil-konfront tar-rikorrent. Qalet ukoll li b'riżultat tad-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina, u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, hija tterminat l-impjieg tar-rikorrent b'effett mis-7 ta' Ġunju, 2022. Kompliet tgħid li r-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni, liema appell ġie kkunsidrat minn terz indipendenti minnha, u l-eżitu ta' dan l-appell kien li t-talbiet tar-rikorrent ġew miċħuda kollha. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent fetaħ il-proċeduri quddiem it-Tribunal b'mod abbużiv a skapitu tagħha, għaliex hija m'għamlet xejn għajr li rrispettat l-obbligi imposti fuqha bil-liġi tat-trasferiment ta' negozji, bil-ftehim kollettiv u bil-kuntratt tal-impjieg. Is-soċjetà intimata ċaħdet li l-impjieg tar-rikorrent ma ġiex itterminat għal kawża ġusta u suffiċjenti skont il-liġi u/jew skont il-ftehim kollettiv. Qalet li fid-dawl ta' dak kollu li ntqal f'din ir-risposta, għandu jirriżulta ċar li jekk it-Tribunal jgħaddi sabiex jilqa' t-talba tar-rikorrent, dan jippreġudika serjament il-jeddijiet u d-drittijiet tagħha, u jinħoloq preċedent perikoluż b'riperkussjonijiet ta' natura kostituzzjonali, li jagħti lok għal abbuż minn impjegati.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk ordna li b'effett immedjat mid-data tad-deċiżjoni appellata, ir-rikorrent jingħata l-istess impjieg bid-drittijiet kollha li kellu qabel it-terminazzjoni, illikwida d-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrent fl-ammont ta' sebat elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro

u erba’ ċenteżmi (€7,776.04), u ordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**Konsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal kellu quddiemu sitwazzjoni fejn il-prinċipal kien qiegħed jallega li r-rikorrenti ikkommetta insubordinazzjoni maġġuri u wettaq atti oxxeni fil-konfront tas-*supervisor *tiegħu, liema atteġġjament kien deskritt bħala li mhux aċċettabbli għas-soċjetà u bi ksur tal-Ftehim Kollettiv. Min-naħa l-oħra r-rikorrenti kien qiegħed isostni li wieħed irid jara dan l-inċident fil-kuntest tiegħu minħabba ċirkostanzi partikolari li r-rikorrenti ma kellux kontroll fuqhom kif ukoll nuqqasijiet min-naħa tas-soċjetà fil-proċeduri applikati fil-każ ta’ dixxiplina.*

*Għalhekk it-Tribunal ried jissendika l-proċedura użata tul il-proċess ta’ dixxiplina biex jara jekk kienx hemm ksur tar-regoli tal-proċess dixxiplinarju kif elenkati fil-Ftehim Kollettiv u ukoll jara jekk is-soċjetà applikatx il-prinċipju tal-proporzjonalità bejn in-nuqqasijiet addebitati lir-rikorrenti u l-kastig mogħti tat-tkeċċija.*

*<u>Proċeduri tad-Dixxiplina</u>*

*Il-proċeduri tad-dixxiplina huma regolati mill-Ftehim Kollettiv klawsola 49. Il-kodiċi tad-dixxiplina jiddistingwi bejn* minor offence, misconduct and gross misconduct – *Folio 82. Appendix B tal-Kodiċi jagħti dettalji tan-nuqqasijiet li jistgħu jikkostitwixxu dawn il-kategoriji.*

*Fl-ittra ta’ sospensjoni b’effett immedjat datata 10 ta’ Mejju, 2022 tiddeskrivi l-aġir tar-rikorrenti li jitlaq minn fuq il-post tax-xogħol bla permess u li jagħmel atti oxxeni fuq il-lant tax-xogħol bħala* gross misconduct.

> ... id-dipartiment tar-riżorsi umani tal-Wasteserv irċieva rapport rigward insubordinazzjoni Maġġuri u li għamilt atti oxxeni fuq il-lant tax-xogħol. Għandek tkun taf li l-kumpannija tqis dan il-każ bħala gravi u inaċċettabbli. Għaldaqstant kif innutat fil-Ftehim Kollettiv tal-kumpannija, klawsola 49.1, inti qed tiġi sospiż b’nofs il-paga mill-10 ta’ Mejju, 2022, b’effett immedjat, sakemm l-investigazzjoni tiġi konkluża.
> *Folio 46*

*Fil-11 ta’ Mejju, 2022 inħarġet l-ittra ta’ akkuża dwar l-imsemmija żewġ akkużi u r-rikorrenti ġie ukoll infurmat li skont il-Ftheim Kollettiv kellu żmien ta’ ħamest ijiem*

*biex jirrispondi għal dawn l-akkużi. Infatti l-esponent kien irrisponda fit-13 ta' Mejju, 2022. L-ittra ta' akkuża kellha d-dettalji kollha mitluba mill-Ftehim Kolletiv. Folio 84 – page 36 of 51.*

*Fis-26 ta' Mejju, 2022 is-soċjetà infurmat li s-sospensjoni kienet ġiet fi tmiemha wara għaxart ijiem kif kontemplat mill-Ftehim Kollettiv u għalhekk kellu jidħol lura għax-xogħol nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju, 2022. Ir-rikorrenti irritorna kif mitlub.*

*Is-smigħ tal-każ instema' nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju, 2022 fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv fejn ir-rikorrenti kien ukoll rappreżentat mill-konsulent legali tiegħu skont l-artikolu 49.5.5.*

*Il-Bord tad-Dixxiplina kien jikkonsisti minn Chairperson indipendenti u żewġ membri oħra li wieħed minnhom maħtur mis-soċjetà skont artikolu 49.5.3.*

*Ir-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina ħareġ fis-16 ta' Ġunju fi żmien għaxart ijiem mis-smigħ tal-każ kif stipulat mill-Ftehim Kollettiv artikolu 49.4.2. Ir-rapport kien ukoll jispeċifika f'paragrafu 6.4 li l-esponent kellu żmien ħamest ijiem biex jappella d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina skont l-artikolu 49.5.7 tal-Ftehim Kollettiv, Folio 83-84. Dan kien konfermat fl-ittra tad-Deċiżjoni Finali tal-Bord tad-Dixxiplina datata 16 ta' Ġunju, 2022, Folio 57.*

*L-appell instema' fit-30 ta' Ġunju, 2022 minn persuna indipendenti maħtura għal dan l-appell liema appell ġie miċħud.*

*It-Tribunal irid jirrimarka li minkejja li l-ebda proċess ma hu perfett, f'dan il-każ il-proċess kien tali li f'ebda ħin ma r-rikorrenti kien f'xi żvantaġġ biex jiddefendi lilu nnifsu u kien proċess trasparenti u fejn il-Ftehim Kollettiv kien segwit sewwa. Għalhekk f'dan ir-rigward is-soċjetà esponenti mxiet mal-forma korretta u skont il-liġi.*

*<u>L-inċident li wassal għat-tkeċċija</u>*

*Nhar it-8 ta' Mejju, 2022 ir-rikorrenti talab biex jingħata leave minn fuq ix-xogħol. Fil-frattemp huwa telaq minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma stenna l-permess tas-*supervisor *tiegħu.*

*Fl-10 ta' Mejju, 2022 ir-rikorrenti kien servut bi twissija bil-miktub mingħand is-*supervisor *b'rabta mal-aġir tar-rikorrenti fit-8 ta' Mejju, 2022. Is-Sur Galea rreaġixxa b'mod oxxen u ta' diżrispett lejn is-*supervisor *tiegħu billi għaddielu xi rimarki u niżżel il-qalziet u anki għamel dan fil-preżenza ta' terzi. Dan kien verifikat mill-Bord tad-Dixxiplina fir-rapport tagħhom; Folio 19 u anki konfermat mill-atti Folio 71.*

*Ir-rikorrenti jistqarr li kellu argument mas-*supervisor *tiegħu minħabba l-*warning letter *li servih u;*

> Kelma ġġib lill-oħra u tgerfixt, daqshekk, ma ġabnix nara.
> *Folio 162*

*Fit-12 ta' Mejju, 2022 ir-rikorrenti bagħat apoloġija rigward l-aġir tiegħu fil-konfront tas-*supervisor *tiegħu Folio 48, 49, 50 liema apoloġija kienet milqugħa mill-istess* supervisor *is-Sur Giordmaina. Folio 147/148.*

*Ir-rikorrenti ammetta quddiem il-Bord tad-Dixxiplina l-akkużi fil-konfront tiegħu u dan joħroġ ċar fid-deċiżjoni tal-istess Bord;*

> For both charges "Major insubordination" and "obscene acts at the workplace, Mr Galea admitted in an apology to Mr Giordmaina and by a separate letter in reply to management dated 12th and 13th May, 2022 respectively and reconfirmed his admission to the charges during the Disciplinary Board hearing."
>
> The Board concludes by upholding the Company's charges against Mr Galea.
> *Folio 24*

*Ir-rikorrenti appella mid-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina fejn nhar it-30 ta' Ġunju, 2022, l-appell tar-rikorrenti ġie miċħud;*

> Illi għall-motivi hawn fuq indikati, it-talbiet tal-appellant qed jiġu miċħuda. *Folio 34*

*It-Tribunal jikkonkludi li l-akkużi fl-ittra ta' akkuża datata 11 ta' Mejju, 2022 Folio 47 fil-konfront tar-rikorrenti kienu ppruvati.*

*Min-naħa l-oħra, dan il-każ kellu ċirkostanzi partikolari imdawra miegħu li t-Tribunal ried iħares lejhom ukoll.*

*Ir-rikorrenti jgħid li t-traġedja tal-mewt ta' bintu f'inċident tat-traffiku ħalliet effetti serji fuq is-saħħa mentali tiegħu u anki ta' martu li llum qed irabbu t-tarbija li ħalliet warajha binthom. Hu jgħid li ġurnata bħal jum l-omm tkun waħda iebsa għalihom u nfatti fit-8 ta' Mejju, 2022 xejn ma ħassu tajjeb u kien għalhekk li talab biex joħroġ bil-*leave. *Fix-xhieda tagħha s-Sa Doreen Galea mart ir-rikorrenti tgħid li;*

> Ir-raġel ukoll. Ukoll iħossu ħażin, ma jħossux tajjeb, u dakinhar ikun bħal dakinhar ikun il-Mother's Day għalina dik ġurnata veru kerha ħafna ...
> *Folio 160*

*Infatti minħabba l-istat li kien fih ir-rikorrenti dakinhar li telaq minn fuq il-post tax-xogħol bla permess, għażel li ma jsuqx għax beża' li fil-kundizzjoni li kien seta' jikkawża xi inċident tat-traffiku, Folio 162.*

*It-Tribunal jinnota li dakinhar tal-każ tal-10 ta' Mejju, 2022, meta s-*supervisor *avviċina lir-rikorrenti bl-ittra tal-*warning, *l-ewwel reazzjoni tar-rikorrenti kienet:*

> "ħallini bi kwieti għax m'għandix aptitek" *Folio 162*

*Indikazzjoni li l-persuna mhix fl-aħjar stat mentali biex tilqa' anki għal stress normali tax-xogħol, aktar u aktar stress marbut ma' kwistjonijiet ta' dixxiplina li normalment huma peżanti għal kull ħaddiem.*

*Infatti t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti malajr tilef il-kontroll tant li fix-xhieda tiegħu s-Sur Galea jgħid li anqas beda jara jiġifieri jirraġuna ċar;*

> ... Ma ġabnix nara *Folio 162 ...* ma nafx x'ġara u ma ġarax. Għax kien hemm ritratt u jiena ma nagħmilx dawk l-affarijiet.
> *Folio 164*

*Ma' dan wieħed iżid li s-*supervisor *seta' uża tattika aktar adatta meta ppreżenta l-*warning notice *u minflok iservi l-*warning notice *fil-pubbliku, iserviha ġo uffiċċju f'ambjent aktar privat.*

*It-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrenti verament kien għaddej minn mumenti diffiċli u ta' dgħufija li rriduċew il-kapaċità tiegħu li jkun oġġettiv u bilanċjat fl-imġiba tiegħu. Is-soċjetà kellha l-obbligu li tkun konxja ta' sitwazzjonijiet soċjali serji tal-ħaddiema tagħha u turi ċerta sensittività speċjalment meta hemm implikazzjonijiet ta' saħħa mentali.*

<u>Performance *fuq il-post tax-xogħol*</u>

*It-Tribunal ħares lejn il-*performance *tar-rikorrenti fuq il-post tax-xogħol u sab li kien wieħed effiċjenti anki aktar mill-*average *ta' ħaddiema oħra fil-kategorija tiegħu. Dok. BAX1 Folio 172.*

*Is-Sur Brian Abela* professional worker *fl-Ispettorat tal-Wasteserv Ltd jgħid li fl-ewwel sitt xhur tal-2021 ir-rikorrent għamel 46% tal-vjaġġi kollha li saru fis-CA sites, fit-tieni sitt xhur tas-sena għamel 43% tal-vjaġġi li saru. Minn Jannar sa April 2022 iġifieri sakemm ġara l-każ, ir-rikorrenti kien għamel 30% tal-vjaġġi. Folio 189.*

*Dwar l-attitudni tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol, is-Sur Brian Abela jixhed li l-esponent kien jikkopera;*

> ... dejjem dak li qabbadtu pprova jagħmiluli Wenzu. *Folio 144*

> ... meta kien ikollna bżonnu bħala overtime biex jirriplejsja operators ma kienx isibha diffiċli biex jagħmilha. *Folio 189.*

*L-attitudni pożittiva dehret ukoll meta nqala' l-każ tal-10 ta' Mejju, 2022. Kif ir-rikorrenti induna bl-iżball li għamel huwa apoloġizza, anki għamel apoloġija bil-miktub, anki laqa' ġo daru lis-*supervisor *tiegħu u rrikonċiljaw tant li ħadmu flimkien tajjeb anki wara l-inċident.*

*It-Tribunal ħares ukoll lejn dak li qalu l-kollegi tar-rikorrenti fosthom is-Sur Antonio Borg* senior operator *li fix-xhieda tiegħu jgħid li fejn kien jaħdem hu, l-esponent qatt ma kellu xi jgħid ma' ħadd. Folio 143.*

*Dan jitfa' dawl fuq dak li qal ir-rikorrenti;*

> ... jien ilni ħmistax-il sena hemmhekk, tant kelli mgħallmin u seniors jien qatt ma kelli clash ma' ħadd, dakinhar sabni fuq saqajn waħda dik il-ġurnata.
> *Folio 164*

*Is-Sur Brian Abela jgħid li s-*supervisor *kien aċċetta l-apoloġija tar-rikorrenti u aċċettaw li jaħdmu flimkien. Folio 144.*

*Dan kien korroborat mir-rikorrenti meta qal;*

> ... jien dejjem irrispettajtu lilu u jaf li dejjem irrispettajtu u dejjem għentu, jaf. U għen lili, għax fejn hu tiegħu tiegħu ...
> *Folio 162.*

*It-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrenti kien ħaddiem bi* track record *tajjeb fuq il-post tax-xogħol u l-evidenza turi li dan l-inċident li fih innifsu kien serju, xorta waħda, kien pjuttost wieħed iżolat.*

*<u>Prinċipju tal-Proporzjonalità</u>*

*L-esponenti soċjetà kellha quddiemha sitwazzjoni fejn ħaddiem tagħha wettaq aġir korrettament deskritt minnha bħala* gross misconduct. *It-tluq minn fuq il-post tax-xogħol bla awtorizzazzjoni hija insubordinazzjoni serja li trid tingħata l-piż tagħha. L-aġir tar-rikorrenti fil-konfront tas-*supervisor *tiegħu kien inaċċettabbli għax ma kienx sempliċement reazzjoni ta' protesta għal* warning letter *imma att ta' insolenza. Ħadd ma jistħoqqlu jkun trattat b'dak il-mod aktar u aktar jekk huwa s-superjur immedjat. Wieħed irid jgħid ukoll li dan l-aġir sar f'post pubbliku li jkompli jżid mal-gravità tal-imġiba.*

*Għalhekk is-soċjetà kellha tieħu l-passi neċessarji biex tindirizza aġir bħal dan. Kienet tonqos lill-ħaddiema l-oħra kollha speċjalment lis-*supervisors *li kieku ma għamlitx hekk.*

*Is-soċjetà għamlet iżjed minn hekk. Is-soċjetà mexxiet proċess ta' dixxiplina b'mod metikoluż b'osservanza tajba ħafna tal-Ftehim Kollettiv, liema proċess kien trasparenti għaliex fl-istadji kollha r-rikorrent kellu ċans u fil-fatt ħa kull opportunità biex jippreżenta l-każ tiegħu.*

*Kemm ir-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina, id-deċiżjoni ta' appell u anki l-evidenza ppreżentata quddiem dan it-Tribunal ma jħalli l-ebda dubju li r-rikorrenti żbalja serjament.*

*Għalhekk, is-soċjetà kienet fil-limiti tal-Ftehim Kollettiv meta ħadet id-deċiżjoni li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti, għalhekk kienet leġittima fl-azzjoni tagħha. Infatti, abbażi ta' dan ir-rikorrenti ġarr il-piż aħħari tal-iżball tiegħu u tkeċċa mix-xogħol. Ingħata l-kastig li fid-dinja lavorattiva huwa meqjus bħala l-piena kapitali.*

*It-Tribunal ta ħarsa wkoll lejn l-artikolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Liġjiet ta' Malta li jirregola s-smigħ u d-determinazzjoni tal-ilment ta'* 'tkeċċija inġusta' *jirrispekkja d-distinzjoni li temerġi mil-liġi Ingliża, iġifieri d-distinzjoni bejn il-kunċett ta' "*unfair dismissal" *u "*wrongful dismissal".

> The obvious contrast between the two is that the statutory action for unfair dismissal (substance and procedure) whereas the common law action for wrongful dismissal is essentially a breach of contract action, and therefore looks typically to the form of dismissal (except in cases where the employer purported to dismiss summarily for cause and the employee alleges that he or she gave no such cause, or where the contract actually contains terms governing the substantive grounds for dismissal). Thus, at common law an employer could dismiss for any reason provided it gave the correct length of notice (or wages in lieu thereof), but for the purposes of unfair dismissal this previously all-important question of notice is of evidential value only, if that, and the fact that proper notice was given will certainly not mean that the dismissal is necessarily fair.
>
> Thus, although a dismissal could be both wrongful and unfair, it could also easily be one but not the other.
>
> Fundamental concepts, such as the meaning of 'dismissal' can vary from one to the other and so for example the finding that an employee was unfairly

dismissed will not necessarily put him or her at an advantage if he or she wishes later, in some other context, to claim that the dismissal was also wrongful.

*Ref. Smith, I., Bakter, A., Warnck, O., 'Smith & Woods Employment Law' (13 Edition, Oxford), p.p. 479-480*

*Tant li f'dan id-dawl it-Tribunal ħares kemm lejn il-proċedura adottata fil-proċess dixxiplinarju jiġifieri fil-forma u kemm is-sustanza tal-każ.*

*Finalment, it-Tribunal ħares ukoll lejn l-istorja lavorattiva li kellu r-rikorrent mas-soċjetà, li ġeneralment kienet waħda tajba, it-tul ta' żmien li ħadem mas-soċjetà, il-fatt li wasal tant viċin id-data tal-irtirar mix-xogħol, l-attitudni ġenerali pożittiva fuq il-post tax-xogħol, id-dispjaċir ġenwin tar-rikorrenti għal dak li għamel, il-*performance *fuq il-post tax-xogħol li kienet 'il fuq mill-*average *fil-kategorija tiegħu, l-istat tas-saħħa mentali b'mod ġenerali u l-impatt ta' dan f'mumenti jew ġranet partikolari.*

*Dan huwa każ li jittratta dwar bniedem, li f'mument ta' dgħjufija umana jiżbalja anki serjament imma filwaqt li kull min jiżbalja jrid iħallas id-debitu li jkun ħoloq, dak id-debitu m'għandux jiddefinixxi l-persuna u l-ħajja tagħha lavorattiva, meta, bħal f'dan il-każ, il-persuna kellha diversi preġji fil-bilanċ. Meta tkun qed tittieħed deċiżjoni tant sinifikanti u materjali bħal ma hi tkeċċija mill-impjieg ta' ħaddiem, id-deċiżjoni trid mhux biss tkun leġittima imma wkoll ġusta.*

*Ma' dan, it-Tribunal huwa konvint li r-rikorrent iddispjaċih bis-serjetà għal dak li għamel u għadu ħaddiem utli li jista' jagħti kontribut tajjeb lil kull prinċipal li jimpjegah.*

*Għalhekk it-Tribunal jikkonkludi li filwaqt li s-soċjetà kienet leġittima fid-deċiżjoni tagħha li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti xorta ma saritx ġustizzja mar-rikorrenti skont il-liġi għaliex dawn il-preġji tar-rikorrenti u ċ-ċirkostanzi partikolari anki pjetużi ma ngħatawx il-piż ġust fid-deċiżjoni finali.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrenti kien terminat mix-xogħol inġustament u t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx skont il-liġi.*

*It-Tribunal jordna li b'effett immedjat mid-data ta' din id-deċiżjoni s-soċjetà Ozo Services Limited terġa' ddaħħal lura fl-impjieg lir-rikorrenti fl-istess rwol u bl-istess kundizzjonijiet li ħaddiem fil-kategorija tiegħu u bl-istess snin ta' servizz, igawdi.*

***<u>Kumpens</u>***

*It-Tribunal jordna kumpens mingħand is-soċjetà għar-rikorrenti ta' €7,776.04 (sebat elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro u erba' ċenteżmi) fi żmien tmien ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni. Il-motivazzjoni għal dan il-kumpens hu s-segwenti;*

| | | |
|---|---|---|
| *Salarju Driver/messenger Ref. Folio 119* | | |
| *Salarju 2022* | *€18,904/pa x 28 ġimgħa* | *€10,179.07* |
| *Salarju 2023* | *€18,904/pa x 35 ġimgħa* | *<u>€12,723.85</u>* |
| *Tnaqqis benefiċċji tal-assistenza soċjali* | | |
| *Benefiċċju 2022* | *€111.18/ġimgħa x 28 ġimgħa* | *€3,113.04* |
| *Benefiċċju 2023* | *€121.35/ġimgħa x 35 ġimgħa* | *<u>€4,237.80</u>* |
| | | *€7,350.84* |
| *Differenza* | | |
| *Tnaqqis ta' 50% perċentaġġ għar-responsabbilità* | | |
| *Attribwita għar-rikorrenti* | | *€7,776.04* |
| *Kumpens dovut lir-rikorrenti* | | ***€7,776.04*** |

*L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.*

*It-Tribunal jiddikjara l-każ magħluq."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà appellanta fit-12 ta' Settembru, 2023, hija talbet li l-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-appell u l-aggravji mressqa minnha, b'dan illi tiddikjara li d-deċiżjoni li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg kienet ġusta u skont il-liġi. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex (i) hemm kunflitt bejn il-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar jekk it-tkeċċija kinitx leġittima; (ii) it-Tribunal naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett dwar it-

terminazzjoni inġusta, u naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu; u (iii) id-deċiżjoni tat-Tribunal tikser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u *due process.*

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li din hija kwistjoni li tikkonċerna żewġ inċidenti li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, jiġifieri l-inċident tat-8 ta' Mejju, 2022 fejn l-appellat talab li jitlaq mix-xogħol b'*leave,* u mingħajr ma ngħata approvazzjoni biex jitlaq mis-superjuri tiegħu, l-appellat unilateralment telaq minn fuq il-post tax-xogħol; u l-inċident tal-10 ta' Mejju, 2022, fejn l-appellat ingħata twissija minħabba f'dak li seħħ fit-8 ta' Mejju, u dan irreaġixxa billi espona ruħu b'mod indiċenti fil-pubbliku. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li t-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx skont il-liġi, din id-deċiżjoni hija in kontradizzjoni ma' dak li l-istess Tribunal ikkonsidra ftit qabel, jiġifieri li s-soċjetà mexxiet il-proċess ta' dixxiplina b'mod metikoluż in osservanza tal-ftehim kollettiv, liema proċess kien wieħed trasparenti fejn l-appellat ingħata ċans iressaq il-każ tiegħu, u għalhekk is-soċjetà appellanta kienet leġittima fl-azzjoni tagħha li tittermina l-impjieg tal-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li t-Tribunal ikkonferma għal aktar minn darba li hija kienet leġittima fl-aġir tagħha, dan finalment iddeċieda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx skont il-liġi.

7. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa in konnessjoni mal-fatt li t-Tribunal huwa l-forum ġudizzjarju mwaqqaf bil-liġi sabiex jiskrutinja l-proċess tat-terminazzjoni tal-impjieg li jilmenta dwaru l-individwu. Qalet li fil-mument li t-Tribunal sab li d-deċiżjoni tagħha kienet waħda leġittima u skont il-liġi, it-Tribunal kellu jieqaf hemm. Is-soċjetà appellanta qalet li fi proċeduri relatati ma' każijiet ta' terminazzjoni inġusta, irid jiġi determinat għal liema raġuni l-impjieg

ikun ġie tterminat, liema prova għandha ssir mill-prinċipal, u jekk il-prinċipal kienx raġonevoli fid-deċiżjoni li ħa sabiex jittermina l-impjieg. Qalet li din tal-aħħar hija deċiżjoni b'żewġ binarji oġġettivi, jiġifieri l-konsiderazzjoni dwar jekk il-prinċipal kienx raġonevoli meta kkunsidra r-raġuni bħala waħda xierqa sabiex jittermina l-impjieg, u jekk il-prinċipal kienx raġonevoli li jittermina l-impjieg tal-impjegat fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Qalet li mhux ikkontestat li fil-każ odjern hija ppruvat sodisfaċentement ir-raġuni li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, u ċjoé li l-appellat espona ruħhu b'mod indiċenti f'post pubbliku b'affront għas-superjuri tiegħu. Qalet li t-Tribunal stess iddeskriva dan l-aġir bħala wieħed *"inaċċettabbli"*. Qalet ukoll li minkejja li għandu jirriżulta b'mod inekwivoku li s-soċjetà appellanta kienet raġonevoli fil-mod kif itterminat l-impjieg tal-appellat, it-Tribunal naqas għal kollox milli jiskrutinja jekk id-deċiżjoni tagħha kinitx taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, u minflok ikkonkluda b'mod emozzjonali u b'simpatija mal-appellat. Is-soċjetà appellanta saħqet li d-determinazzjoni tar-raġonevolezza tas-sanzjoni meħuda mill-prinċipal, trid tiġi ddeterminata abbażi tal-imġiba li wasslet għal din is-sanzjoni, u mhux fil-konfront taċ-ċirkostanzi soġġettivi li allegatament affettwaw l-aġir inġustifikabbli tal-appellat.

8. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal kellu jevalwa, jgħarbel u jiddeċiedi dwar il-fatti miġjuba quddiemu b'mod kemm jista' jkun oġġettiv, lil hinn minn kull element ta' simpatija jew empatija, u dan għaliex il-ġustizzja trid mhux biss issir, iżda tidher li qed issir. Is-soċjetà appellanta qalet li l-prinċipal għandu jżomm diskrezzjoni wiesgħa fil-parametri tal-eżerċizzju tal-poter dixxiplinarju, liema diskrezzjoni hija regolata mill-ftehim kollettiv bħala l-

kuntratt bejn il-partijiet, u b'hekk għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom. Is-soċjetà appellanta qalet li skont il-ftehim kollettiv, *indecent exposure* hija meqjusa bħala *major insubordination,* u għalhekk tikkwalifika bħala *gross misconduct.* Qalet li l-klawsola 49 tal-ftehim kollettiv tipprovdi għal proċeduri dixxiplinarji li għandhom jittieħdu f'każ ta' *gross misconduct,* u għalhekk it-Tribunal kellu jkun kemm jista' jkun oġġettiv fid-dawl ta' dan kollu sabiex jiġu rispettati l-elementi kollha tal-ġustizzja u *due process.* Is-soċjetà appellanta temmet tgħid li kemm-il darba ġudikant jagħżel li jiddistakka ruħhu minn dawn il-prinċipji, u minflok japplika d-diskrezzjoni tiegħu sabiex b'mod sentimentali jissostitwixxi d-deċiżjoni ta' min kellu l-poter jieħu l-istess deċiżjoni, allura jkun qiegħed jinħoloq preċedent perikoluż li jxejjen l-iskop tal-kuntratt ta' impjieg, ta' ftehim kollettiv u tat-trejdunjoniżmu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Fir-risposta tiegħu l-appellat qal li huwa impjegat tas-soċjetà Wasteserv Malta Limited, u flimkien ma' diversi impjegati oħra, huwa ġie trasferit in segwitu għall-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2020, iżda huwa kien diġà impjegat tal-Wasteserv qabel l-imsemmi kuntratt. Qal li m'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-impjegati tal-Wasteserv huma regolati permezz tal-ftehim kollettiv bejn is-soċjetà Wasteserv u l-Union Ħaddiema Magħqudin tal-4 ta' April, 2019, u għalhekk kwalunkwe proċeduri dixxiplinarji li jittieħdu fil-konfront tal-ħaddiema tal-Wasteserv huma regolati permezz ta' dan il-ftehim. Qal ukoll li filwaqt li huwa minnu li l-kwistjoni odjerna tikkonċerna t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu in segwitu għal proċeduri dixxiplinarji dwar żewġ inċidenti fuq il-post tax-xogħol,

dawn iż-żewġ inċidenti huma intrinsikament marbuta ma' xulxin, u għandhom jiġu kkonsidrati bħala kontinwazzjoni ta' xulxin. Kompla jgħid li huwa ma jaqbilx mal-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan in vista tal-fatt li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, li kkunsidra li l-appellat kien wieħed mill-aktar ħaddiema ħabrieka fuq il-post tax-xogħol, il-prestazzjoni tiegħu kienet *above average,* mentri huwa kien qiegħed jiġi kkundannat għall-piena kapitali fil-qasam tax-xogħol minħabba inċident iżolat li seħħ minħabba ċirkostanzi personali traġiċi, u wara li kien hemm provokazzjoni.

10. L-appellat qal li fl-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tallega li d-deċiżjoni tat-Tribunal tammonta għal kontradizzjoni grossolana. Żied jgħid li meta s-soċjetà appellanta tressaq dan l-aggravju, hija ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-proċeduri tad-dixxiplina u l-applikazzjoni tal-liġi u l-ġustizzja naturali. Qal li minkejja li l-bord tad-dixxiplina mexa mal-proċeduri tal-ftehim kollettiv, dan la kkonsidra s-sitwazzjoni personali tiegħu, la kkonsidra li fi ħmistax-il sena servizz l-appellat kien ħaddiem ħabrieki u eżemplari, u lanqas ma kkonsidra li l-appellat kien ġie pprovokat. Qal li huwa ġarrab it-telfa tal-uniku wild li kellu f'inċident stradali, u huwa jħoss dulur kbir f'ċerti ġranet, bħal Jum l-Omm. Qal li l-Ħadd 8 ta' Mejju, 2022 kien Jum l-Omm, u għalhekk f'din il-ġurnata ħass għafsa ta' qalb akbar minn tas-soltu, u minkejja li daħal għax-xogħol b'mod normali, wara ftit ma baqax iħossu f'sikktu u talab li jieħu ftit sigħat *leave.* Qal li huwa għamel dan għax la ried ikun ta' periklu għalih u lanqas għal terzi, u minkejja li għamel talba lis-superjuri tiegħu, is-Sur Giordmaina iddeċieda li jikkanċellalu l-*leave* mitlub. L-appellat qal li huwa jaħdem ġurnata iva u ġurnata le, u għalhekk il-ġurnata ta' xogħol li jmiss kienet it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022.

Qal li dakinhar, huwa sab lis-Sur Giordmaina jistennieh, li laqgħu barra u urieh l-ittra ta' twissija, u bejniethom inqala' inċident li dam minuta jew anqas. Qal li huwa mill-ewwel induna li kien żbalja, u fil-fatt għamel ittra ta' apoloġija li ġiet aċċettata mis-superjur tiegħu. Qal ukoll li s-Sur Giordmaina wara ddispjaċieh, u mar id-dar tal-appellat sabiex joffrilu appoġġ mentali.

11. L-appellat qal li mill-provi mressqa quddiem it-Tribunal irriżulta li huwa ħaddiem bieżel, u l-apoloġija tiegħu ġiet aċċettata. Qal ukoll li kien hemm ammissjoni mis-superjuri tiegħu li dan kien każ ġenwin, u s-Sur Giordmaina nnifsu wera t-tama li hu u l-appellat jibqgħu jaħdmu flimkien. L-appellat qal li x-xhieda mressqa quddiem it-Tribunal kienu, fil-parti l-kbira tagħhom, ħaddiema tal-Wasteserv, u x-xhieda tagħhom ma ġietx kontradetta, u għalhekk temm jgħid li ma kien hemm l-ebda kontradizzjoni grossolana jew mod ieħor, fid-deċiżjoni tat-Tribunal.

12. L-appellat qal li t-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa ripetizzjoni tal-ewwel aggravju, u qal li t-Tribunal ġustament ikkunsidra li s-*supervisor* seta' uża tattika aktar adatta meta ppreżentalu l-ittra ta' twissija, u din setgħet ingħatatlu f'post privat u mhux fil-pubbliku. Qal ukoll li t-Tribunal irrikonoxxa li huwa kien għaddej minn mument diffiċli f'ħajtu u li dawn id-diffikultajiet naqqsulu l-abbilità li jkun oġġettiv u bilanċjat fl-imġiba tiegħu. Qal li għalhekk il-konstatazzjonijiet tat-Tribunal, partikolarment fejn dan ikkonsidra li hu kien ħaddiem ta' eżempju f'xogħlu, u li dak li seħħ kien inċident pjuttost iżolat, jemerġi mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

13. B’riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li huwa minnu li l-ġustizzja trid mhux biss issir, iżda trid tidher li qed issir, u t-Tribunal kien ġust meta kkonsidra l-fatti, il-liġi, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-prestazzjoni tiegħu tul is-snin ta’ servizz li ta. Qal ukoll li huwa diġà ġie penalizzat billi kien sospiż għall-perijodu massimu stipulat fil-ftehim kollettiv, b’nofs paga, qabel l-impjieg tiegħu ġie tterminat definittivament mill-bord tad-dixxiplina, kif ukoll ġie penalizzat bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba l-aġir tiegħu, billi tnaqqas b’perċentwali ta’ 50% l-kumpens li huwa ngħata minħabba t-tkeċċija inġusta tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għal tliet raġunijiet ewlenin, għaliex: (i) hemm kunflitt bejn il-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal u d-deċiżjoni finali tiegħu dwar jekk kienx hemm tkeċċija li tista’ titqies leġittima; (ii) it-Tribunal naqas li japplika l-liġi b’mod korrett; u (iii) hemm ksur tal-prinċipji ta’ ġustizzja naturali u ta’ *due process.*

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

15. Is-soċjetà appellanta spjegat li fil-każ in eżami kien hemm żewġ episodji separati li wasslu għad-deċiżjoni li l-appellat għandu jitkeċċa mill-impjieg, dak

tat-8 ta’ Mejju, 2022, fejn l-appellat telaq minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma kellu permess jagħmel dan, u dak tal-10 ta’ Mejju, 2022 fejn l-appellat irreaġixxa b’mod insolenti fil-konfront ta’ wieħed mis-superjuri tiegħu. Kompliet tgħid li t-Tribunal ikkunsidra li l-azzjoni tagħha kienet waħda leġittima u li l-proċess tad-dixxiplina tmexxa b’mod korrett, u b’osservanza ta’ dak li jistipula l-ftehim kollettiv, imma t-Tribunal ikkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta. Għas-soċjetà appellanta, dan ifisser li hemm konflitt bejn il-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal, u d-deċiżjoni finali mogħtija minnu.

16. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni appellata tista’ tinqasam f’żewġ partijiet – il-konsiderazzjonijiet dwar il-proċess dixxiplinarju li ttieħed fil-konfront tal-appellat, u d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar l-eżitu ta’ dak il-proċess dixxiplinarju, tenut kont il-fatturi kollha tal-każ, u mhux biss l-inċident iżolat li wassal għat-tkeċċija tiegħu. It-Tribunal qies li ż-żewġ episodji separati, iżda marbuta ma’ xulxin, li seħħew fit-8 u fl-10 ta’ Mejju, 2022, kienu riżultat ta’ mument ta’ dgħjufija, tenut kont tat-traġedja personali li għadda minnha l-appellat, li ma ħallitux jaġixxi b’mod oġġettiv u bilanċjat. It-Tribunal qies li l-prestazzjoni tal-appellat fuq il-post tax-xogħol tul is-snin kienet waħda tajba ħafna, u anki wara l-inċident li seħħ, l-attitudni tiegħu baqgħet waħda pożittiva ħafna, tant hu hekk li talab apoloġija u wera r-rieda li jaħdem tajjeb mas-superjur tiegħu wara l-inċident. It-Tribunal stqarr li minkejja li t-tluq mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xogħol kien inċident serju u att ta’ insubordinazzjoni, li wassal biex jittieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat, fl-istess waqt hemm ċirkostanzi oħra li għandhom jitqiesu wkoll. It-Tribunal ħa konjizzjoni tal-ħajja lavorattiva tal-appellat, tal-fatt li kien ilu żmien twil jaħdem mas-soċjetà appellanta, tal-fatt

li kien wasal viċin l-età tal-irtirar, tal-fatt li wera dispjaċir għal dak li ġara, u tal-fatt li huwa għadda minn traġedja personali li setgħet affettwat il-ġudizzju tiegħu meta ġie ffaċċjat b'ittra ta' twissija. Kien minħabba l-istess ċirkostanzi personali li għadda minnhom l-appellat, li dakinhar tat-8 ta' Mejju, 2022 kien talab li jitħalla jitlaq kmieni minn fuq il-post tax-xogħol, għaliex ma kienx qiegħed iħossu f'sikktu. Fuq kollox it-Tribunal stqarr li dan l-iżball tal-appellat ma kellux jiddefinixxi l-ħidma siewja tiegħu tul is-snin.

17. Il-Qorti taqbel b'mod sħiħ ma' dawn il-konklużjonijiet tat-Tribunal. Filwaqt li min-naħa waħda ma jistax jingħad li s-soċjetà appellanta naqset milli tagħmel dak li kien mistenni minnha sabiex tindirizza l-insubordinazzjoni u n-nuqqas ta' imġiba tajba tal-appellat, u l-proċeduri dixxiplinarji saru *ai termini* tal-ftehim kollettiv li jirregola l-impjieg tal-appellat, id-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina qieset l-każ ta' dixxiplina b'mod iżolat, u warrbet għal kollox il-preġji kollha tal-appellat. Il-Qorti, għalkemm tqis li huwa korrett li fir-rigward ta' insubordinazzjoni u imġiba mhux xierqa, għandhom isiru proċeduri ta' dixxiplina, dawn il-proċeduri m'għandhomx iwarrbu l-istampa sħiħa tas-snin ta' ħidma li jkun ta l-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, tal-effiċjenza tiegħu waqt ix-xogħol, u taċ-ċirkostanzi personali tiegħu li setgħu f'mument ta' dgħjufija jdallmu l-ġudizzju tiegħu, u ta' diversi fatturi umani oħra li kieku tqiesu b'mod korrett mill-bord tad-dixxiplina, ma kinux iwasslu għal deċiżjoni li l-impjegat kellu jitkeċċa mill-impjieg. Il-Qorti tqis li dan kien inċident iżolat wara snin twal ta' servizz li l-appellat ta lis-soċjetà appellanta, fejn il-prestazzjoni tiegħu kienet waħda pożittiva. It-test ta' ftehim kollettiv, bħat-test tal-liġi wara kollox, m'għandux jiġi applikat *in a vacuum,* iżda f'kuntest speċifiku u għaċ-ċirkostanzi

partikolari tal-każ. Dan huwa dak li pprova jgħid it-Tribunal bil-mod kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

18. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta saħqet li ladarba t-Tribunal Industrijali huwa l-*forum* ġudizzjarju mwaqqaf bil-liġi sabiex jiskrutinja l-proċess tat-terminazzjoni tal-impjiegi, u fil-każ in eżami sab li l-azzjoni dixxiplinarja tagħha kienet waħda leġittima u f'konformità mat-termini tal-ftehim kollettiv, huwa kellu jieqaf hemm. Qalet li l-unika konsiderazzjoni li kellu jagħmel it-Tribunal kienet dwar jekk id-deċiżjoni tagħha li tittermina l-impjieg kinitx raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Qalet li għalkemm t-Tribunal qies li hija kellha raġun tipproċedi kontra l-appellat, u stqarr li l-aġir tiegħu fuq il-post tax-xogħol kien wieħed inaċċettabbli, finalment ta deċiżjoni b'mod emozzjonali u bbażata fuq is-simpatija mal-individwu.

19. Il-Qorti taqbel li l-eżerċizzju li kellu jagħmel it-Tribunal kien li jgħaddi ġudizzju dwar jekk is-soċjetà appellanta kinitx raġonevoli meta għaddiet biex tittermina l-impjieg tal-appellat. Imma t-Tribunal qies li kien hemm ċirkostanzi oħra ta' xejra fattwali, li s-soċjetà appellanta kellha tikkunsidra qabel tgħaddi biex tittermina l-impjieg tal-appellat. Kien għalhekk li t-Tribunal għadda ġudizzju fuq il-mod kif is-*supervisor* tal-appellat għaddielu l-ittra ta' twissija, u rrimarka li din setgħet tingħata b'mod privat u mhux quddiem terzi. It-Tribunal ikkonsidra d-diffikultajiet li kellu l-appellat fil-ħajja privata tiegħu, u li setgħu tappnu l-ġudizzju tiegħu kif iffaċċja xi diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

Ċertament li ma jistax jingħad li t-Tribunal eċċeda l-mansjoni tal-poteri tiegħu meta mexa b'dan il-mod, jew li t-Tribunal assuma għalih rwol li m'għandux meta fid-determinazzjoni ta' x'inhu raġonevoli jew le, ikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, din il-Qorti tqis it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju*

20. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li l-ġustizzja trid mhux biss issir, iżda trid tidher li qiegħda ssir, u għalhekk it-Tribunal kellu obbligu jevalwa l-fatti b'mod oġġettiv, u jwarrab għal kollox is-simpatija mal-parti appellata, u dan b'osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u tad-*due process* li jrid isir.

21. Il-Qorti tqis li sabiex il-ġustizzja tidher li qiegħda ssir, il-ġudikant għandu jqis il-fatti, il-liġijiet applikabbli u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, qabel ma jasal għad-deċiżjoni finali tiegħu. Dan huwa dak li għamel it-Tribunal fil-każ in eżami, meta qies it-termini tal-ftehim kollettiv, il-provi miġjuba minn kull parti, iżda imbagħad evalwa dan kollu fil-kuntest taċ-ċirkostanzi personali tal-appellat, li ma jistgħux jitwarrbu mill-inċidenti li seħħew fuq il-post tax-xogħol, għaliex kienu dawn iċ-ċirkostanzi personali li wasslu lill-appellat jirreaġixxi bil-mod kif irreaġixxa. Proprju għaliex il-ġustizzja trid tidher li qiegħda ssir, li l-azzjoni tal-individwu ma tistax u m'għandhiex tinfired miċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li wassluh iġib ruħhu b'ċertu mod. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell, billi tiċħad l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u għalhekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**